**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 50

L-Erbgħin u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2022 fis-6pm ġo sala ġewwa l-Każin ta' San Girgor.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Tony Galea | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Anton Debono | Viċi Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*

*50.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 47;*
*50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri*
*50.5 Bye-Law : Kabini*
*50.6 Rapporti ;*
*50.7 Items Oħra ;*
*50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*50.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*50.10 Mozzjonijiet ;*
*50.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

**50.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

50.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Viċi Sindku, kif ukoll il-kunsillieri V.Galea Pace, D.Muscat u J.Dougall talbu biex ikunu skużati. Kien hemm qbil.

**50.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 49**

*Approvazzjoni tal-Minuti 49*

50.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 49 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier E.Borg ppropona li l-Minuti jiġu approvat. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti ġew approvati.

## 50.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

50.3.1 Is-Sindku fakkar illi fil-laqgħa preċedenti semmiet il-fond ta' €16,000 tar-Reġjun li għandom jintużaw bejn għaqdiet fil-lokalita.
Ħabbar illi dawn se jintużaw għall-Każini tal-baned, GREE Sliema Hotsticks Hockey Club, Salesian Brigades, Salesjani Bosco, il-Knisja tal-Ingliżi, fost oħrajn.
Kien hemm qbil.

50.3.2 Is-Sindku informa li l-MIDI kellom jonfqu €230,000 fondi fuq proġetti fil-lokalita minflok ma' dan l-ammont daħal fil-font tad-DPF. Informa li kien hemm appell għall-applikazzjoni tagħhom u kollox waqqfet b'din l-appell. Il-MIDI kienu diġa investew €81,741.26 fl-ewwel fażi, waqt illi ġie ordnat apparat ġdid għall-Playing Field ta' Qui Si Sana għall-ammont ta' €77,841.59. Issa fadal €68,945 u hemm taħdidiet biex ikun hemm sistema tad-dawl 'solar' u apparat ġdid għall-Outdoor Gym, kif ukoll sistema ta' CCTV aħjar. Informa li se jkun hemm maintenance agreement għal ħames snin li se tiffranka l-Kunsill l-ammont ta' €10,500 fejn kumpanija se jieħu ħsieb manutenzjoni ta' ksur zgħir, izda mhux se tapplika għall-vandeliżmu.

## 50.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

50.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal ma rċieva l-ebda mistoqsijiet qabel il-laqgħa

## 50.5 MANAGEMENT REPLY

50.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li mad-dokumenti tal-laqgħa intbagħtet il-Management Letter u d-Draft Reply. Dawn ġew meħuda bħala moqrija. Staqsa jekk kien hemm mistoqsijiet jew kjarifiki dwar ir-risposta. Ma kien hemm l-ebda mistoqsija. Management Reply
Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-Management Reply tiġi approvata. Il-kunsillier T.Galea ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu.

## 50.6 RAPPORTI

50.6.1 Fuq is-servizz tal-Landscaping is-Sindku informa li hemm xogħolijiet illi l-kuntrattur ilu jikkonferma li se jsiru u qatt ma saru. Talab illi l-pagament tibqa on-hold. Landscaping

Ittieħdet deċiżjoni biex il-pagament tibqa on hold u li jkun hemm penalties wara li jsir ix-xogħol.

**50.7** **ITEMS OĦRA**

50.7.1 Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal illi ġie ordnat l-apparat għal Outdoor Gym ta' fejn it-Torri, fejn fakkar illi din qed isir bħala CSR ta' kumpanija tal-Gaming. Żied illi se tiġi tiswa madwar €6,000 bħala xogħol manwali li se jkun hemm u qegħdin isiru taħdidiet sabiex ix-xogħol tiġi sponsorjata.

**Il-kunsillier K.Wain daħal fit-18:25**

50.7.2 Is-Sindku qal illi waslet talba mingħand kumpanija tat-taxi's sabiex ikollhom permess jużaw positijiet pedonali b'taxi 3 wheeler. Din tapplika għal triq Bisazza ġewwa Tas-Sliema u kien hemm qbil unanimu li ma tingħatax permess.

50.7.3 Is-Sindku qal illi inqabbdu izjed tiġieġ u sriedaq minn Ġnien Independenza u dawn ittieħdu f'ambjent addattat għalihom. Ippropona li l-persuna li għen biex jinqabdu nagħtuħ żewġ xkejjer ġwież għalihom. Kien hemm qbil.

**Il-kunsillier P.Radmilli daħal fit-18:30**

50.7.4 Is-Sindku qal illi l-Clean Up ta' nhar is-Sibt 17 ta' Settembru ma saritx u se ssir nhar is-Sibt 24 ta' Settembru minflok. Se jippartiċċpaw niex mill-baned u se jieħdu sehem ukoll żagħżagħ u kumpanija tall-għadis. Qal illi jixtieq jara parteċipazzjoni tal-kunsilliera wkoll.

50.7.5 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi waslu għandu rapporti dwar nies illi waqqaw mar-rampa ta' kantuniera ta' bankini. Ippropona li nduru dawn ir-rampi li jeżistu ma' kull tela' u fejn hemm bzonn isir non-slip. Is-Sindku informa li dan ix-xogħol qed isir izda jista jkun hemm ftit illi mhumiex anti-slip u fejn hemm bzonn isiru.

50.7.6 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi waslet rapport għandu li x-xogħol ma sarx sew ġewwa triq Don Rua. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara

li waslet ir-rapport bagħat il-kuntrattur u mar jara x-xogħolijiet, u ma jidher imkien illi hemm provi ta' xogħol ħażin. Is-Sindku qal illi hu kien preżenti anka waqt illi sar ix-xogħol u kollox sar b'mod tajjeb.

**50.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

50.8.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal hemm bzonn tittieħed deċiżjoni dwar sistema kif se jiġu preparati/diskussji skemi ta' fondi wara li intortament, il-Kunsill tilef l-opportunita li tapplika għall-finanzi għal zmien il-Milied. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kull membru kien irċieva l-informazzjoni, kif ukoll dwar l-estenzjoni, izda induna tard wisq li għalqet l-applikazzjoni u kien tard wisq peress illi ħadd ma ħareġ b'idejat.

Il-kunsillier P.Radmilli għamel proposta sabiex il-Kunsill jappunta membru tal-istaff sabiex tieħu ħsieb illi jintbagħtu reminders. Kien hemm qbil illi membru tall-istaff se żżomm rekord tal-proċess ta' kull skema u kull ftit iċempel bħala tifkira li hemm deadline.

50.8.2 Dwar il-Milied is-Sindku fakkar illi qegħdin f'nofs Settembru u xorta qegħdin tard wisq biex nippjanaw kwalinkwe xogħolijiet għall-festi.

50.8.3 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm bzonn tittieħed deċiżjoni dwar 4 skemi li hemm miftuħin fil-preżent.

Dwar dawk tar-Reġjun hemm:

- €16,000 għall-għaqdiet. Din ġiet diskussa izjed kmieni fil-laqgħa
- €3,000 oħra għal attivajiet ma' għaqda. Il-Kunsill qabel illi dawn jintużaw mall-iscouts.
- €35,000 fuq proġetti kapitali. Kien hemm deċiżjoni li dawn jintużaw għall-upgrade tal-Playing Field ta' fejn it-Torri.

SPI/SCI/9/2022 hemm €100,000 għall-proġetti kapitali:

Is-Sindku ppropona li nużaw dawn il-fondi għax-xogħolijiet fuq il-proġett ta' Aċċessibilita li se ssir fejn għandom jintużaw sabiex isir is-survey, kif ukoll xogħolijiet infrastruttrali. Il-kunsillier P.Radmilli ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll biex isir

laqgħa mall-Perit Antoine Zammit u nitolbu assistenza mill-President tal-AKL.

Sustainable localities: Kien hemm qbil illi mmexxu fuq l-applikazzjoni ta' Slow Streets.

50.8.4 LESA: Il-Kunsill se jerġa japplika għal Water Sculpture ta' Ġnien Independenza. Dwar din l-applikazzjoni l-ewwel il-Kunsill se jara jekk il-kriterji huma l-istess bħall-applikazzjoni preċedenti.

Il-kunsillier P.Radmilli informa li Fr. Said talab illi jintużaw izjed fondi mill-Non LC Fund għall-proġett fejn diġa ħadu madwar €96,000 biex isir. Qal illi fhiehem lil Fr. Said illi dan il-fond għanda tintuża bejn diversi NGO's fil-lokalita. Fakkar illi hemm żewġ applikazzjonijiet li qegħdin nistennew deċiżjoni finali rigward jekk dawn se jiġu avżati u tibqa l-fatt illi jekk dawn il-fondi jintużaw għat-Teatru Salesjani li diġa bbenifikaw mill-fond, dawn se jittieħdu mingħand NGO's illi urew interess u ma ħadu xejn.

50.8.5 Għamel rikwest sabiex isir laqgħa ma' rappreżentanti tad-DPF biex ikunu konxji ta' din il-problema. Kien hemm qbil.

Il-kunsillier P.P.Portelli qal illi persuna li kien għen fl-organizzajoni ta' edizzjonijiet preċedenti ta' Sliema Arts Festival staqsa jekk hemm interess biex din terġa ssir. Qal illi fil-fehma tiegħu ma tista tkun kbira daqs l-aħħar edizzjonijiet illi kienu saru izda ppropona li l-Kunsill jibda jippjana jekk hemm interess.
Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu hemm bzonn illi l-fokka tkun fuq l-arti izjed mill-mużika.

**50.9** Il-kunsillier P.Radmilli talab illi nistaqsu jekk minn avviċina l-Kunsill jista jikkonferma li huma reġistrati bħala V.O.

50.9.1 Kien hemm qbil illi jibdew pjanijiet.

**KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

Il-kunsillier W.Vella Baldacchino ippropona li l-Minuti jiġu approvati.
50.9.2 Il-kunsilliera I.Fenech issekondat. Kien hemm qbil unanimu. Kif intqal izjed kmien fil-laqgħa, il-pagament dovut lejn il-kuntrattur tal-landscaping se tibqa on hold.

Barra l-pagamenti waslet ukoll invoice għas-servizz tal-kumpanija li jieħdu ħsieb il-mezzi soċjali li talbu li titħallas għalhiex ix-xogħol kien
**50.10** ilhu li sar. Kien hemm qbil. Kien hemm qbil ukoll sabiex jitħallsu l-

50.10.1 ammonti dovuti għaż-żjara ta’ tlett kunsilliera ġewwa t-Turkija f’isem il-Kunsill.

**MOZZJONIJIET**

Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**50.11**

50.11.1

**TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

Is-Seduta ntemmet fit-20:10. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 19 ta’ Ottubru 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li se jkollu jitlaq għall-ħabta ta’ 20:30 dakinhar.

Minuti approvati llum 19 ta’ Ottubru 2022

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow** **Anthony Attard**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**